

# Żewġ Kwadri ta' Giuseppi Calì

## Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar

*Mario Fenech*



Il-Lum il-Knisja Parrokkjali ta` San Pawl il-Baħar, iddedikata lill-Madonna Sultana tal-Martri,nistgħu ngħidu li hija waħda kompluta wara x-xogħol ta` tkabbir u dekorazzjoni li sar fiha matul dawn l-aħħar snin.

Uħud mill-opri li hemm f`din il-Knisja saru riċentament, iżda hemm opri sagri sbieħ oħrajn li saru matul l-ewwel snin tat-twaqqif ta` din il-Knisja bħala Parroċċa.

Bħalma jiġri dejjem, biex isiru dawn opri kienu jiġu mqabbda l-aħjar artisti ta` dak iż-żmien. Kien għalhekk li meta ġew biex isiru ż-żewġ kwadri laterali tal-altar maġġur tal-knisja fis-sena 1915, ġie mqabbad l-aħjar artist ta` dak iż-żmien li kien Guiseppe Calì.

L-artist kien diġa għamel il-kwadru titulari ta` din il-knisja ħdax- il sena qabel meta ġie ikkumissjonat għal dan ix-xogħol mill-Markiża Anna Bugeja.

Kienet hi l-akbar benefattirċi ta` din il-knisja. Għaldaqstant, l-istess Markiża ħarġet il-flus biex isiru dawn il-kwadri laterali.

Fihom Calì pinġa l-ewwel u l-aħħar Dulur tal-Madonna. Dawn huma l-Preżentazzjoni ta` Ġesù fit-Tempju u l-Difna tal-Ġisem mejjet tiegħu wara l-mewt fuq is-salib.

Fil-kwadru tal-Preżentazzjoni tal-Bambin Ġesù fit-Tempju, il-figura tal-Madonna tidher fin-nofs tat-tila għarkupptejha quddiem il-Qassis il-kbir li qiegħed iżomm lil Ġesù tarbija fi drapp ta` kulur kannella ċar. Idejn il-Madonna jidru ma' xulxin mtellgħin xi ftit 'il fuq. Din hija l-espressjoni li soltu narawha f`xeni oħrajn fejn il-Madonna hija spjegata bħala l-Immakulata Kunċizzjoni.

 *Ikompli f'paġna 113* 

Warajha l-figura ta` San Ġuzepp qiegħed jara din ix-xena sabieħa fil-waqt li f`idejh għandu qoffa ċkejkna b`żewġ ħamimiet fiha li kienu l-offerta li tingħata lit-tempju dak iż-żmien mill familji li kinu jkunu foqra. Fin-nofs bejn il-Madonna u San Ġużepp hemm il-figura ta`Anna, il-profetessa.

Fit tieni kwadru fejn naraw id-difna tal-ġisem ta` Ġesu fil-qabar, Calì jippreżentalna lill-Madonna b`qalbha maqsuma bilwieqfa tħares lejn il-ġisem ta` binha Ġesù li qiegħed jinżamm xi ftit 'il fuq min-naħa tar-ras minn San Ġwann, id-dixxiplu fidil tiegħu.

Ħdejn il-Madonna hemm waħda min-nisa t-twajba, fil-waqt li Marija Maddalena mixħuta f`art b`xagħarha mniżżel u bil-ġarra taż-żejt ħdejha qiegħda iżżomm it-tarf tal-liżar li fih kien ser jiġi mkeffen ġisem Ġesù.

Calì f` dan il-kwadru qagħad attent li l-attenzjoni tkun l-aktar fuq il-ġisem mejjet ta` Ġesù. Għaldaqstant, għamel użu minn kuluri ċari fil-waqt li fil-kumplament tat-tila l-kuluri li pinġa bihom huma xi ftit skuri.

Żewg xogħolijiet ta` daqs kbir (244 ċm b`269 ċm.) li ghalkemm saru lejn l-aħħar perjodu tal-karriera ta` dan l-artist kbir, xorta waħda naraw fihom idejat ġodda u friski fejn tidħol l-arti tal-espressjoni fil-preżentazzjoni tas-suġġett.

Dawn huma tnejn biss mil-opri sagri ta` livell artistiku għoli li hija mżejjna bihom il-knisja Parrokkjali ta` San Pawl il-Baħar.

